MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 104/2015

**Carmelo Ellul (Sr.) (K.I. nru. 511855M), Carmel Ellul (Jr.) (K.I. nru. 83278M), Brian Farrugia (K.I. nru. 56379M)**

**u Stephanie Ellul (K.I. nru. 29092M)**

**vs.**

**AX Hotel Operations Limited (C-40905) u Suncrest Hotels p.l.c (C-8643)**

Il-Qorti,

Rat it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti AX Hotel Operations Limited [C40905] u Suncrest Hotels p.l.c [C8643] fejn ġie eċċepit "illi fl-aċċertament tat-tort hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati f'dawn il-proċeduri il-kumpannija Elmein Limited li ssupliet u stallat il-lift inkwistjoni u li kienet inkarigata mill-manteniment tal-lift".

Rat l-Atti tar-Rikors Maħluf.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw dwar it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu, 2015 fejn il-kawża tħalliet għall-provvediment dwar it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi l-konvenuti qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Elmein Limited fuq il-premessa li fl-aċċertament tat-tort hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati f'dawn il-proċeduri l-kumpannija Elmein Limited li ssupliet u stallat il-lift inkwistjoni u li kienet inkarigata mill-manteniment tal-lift.

Tqis illi l-atturi qegħdin jopponu għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Elmein Limited 'il għaliex qegħdin isostnu li din is-soċjetà hija estranea għal kwistjoni pendenti bejn il-kontendenti f'din il-kawża, u partikolarment għaliex ir-relazzjoni kuntrattwali inħolqot bejn l-atturi u l-konvenuti meta kienu alloġġjati fil-lukanda Suncrest proprjetà tas-soċjetajiet attriċi jew min minnhom. L-atturi qegħdin

isostnu wkoll illi jekk tiġi msejjħa fil-kawża s-soċjetà Elmein Limited, din żgur se teċċepixxi li mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi.

Tqis illi dak li qalet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2001 fil-kawża **"Mamo et vs Wismayer"** (PA/JRM), jiġbor b'mod ċar il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar din il-materja:

> *"Illi s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna waqt li l-kawża tkun miexja bejn partijiet oħrajn hija regolata fil-liġi tal-proċedura bl-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jgħid li tali sejħa tista' ssir kemm fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet u kif ukoll mingħajr dik it-talba;*
>
> *Illi, madankollu, l-kliem sempliċi ta' dak l-artikolu, ma jurix il-qafas li dan l-istitut tnissel fih u li, matul il-medda tas-snin, ta lok għal għadd ta' prinċipji li l-qrati tagħna taw bosta deċiżjonijiet dwarhom;*
>
> *Illi l-prinċipju ewlieni li għandu jitqies huwa li l-imsejjaħ fil-kawża, b'differenza minn dak li jkun indaħal fil-kawża minn rajh <u>in statu et terminis</u>, jitqies bħallikieku kien imħarrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża jista' jinħeles jew jiġi kundannat daqslikieku l-kawża inħarġet mill-bidunett kontrih;*
>
> *Illi s-sejħa fil-kawża, jew kif kien magħruf fl-imgħoddi, l-intervent koatt (biex jintgħaraf mill-intervent volontarju li għalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap. 12), għandha l-għan li tevita li jkun hemm għadd ta' kawżi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistgħu jitqegħdu f'ġudizzju wieħed li jikkonsidra l-qagħda rispettiva tagħhom. Huwa essenzjali, għalhekk, li persuna msejħa fil-kawża jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas tal-istitut tas-sejħa fil-kawża joħroġ mill-kunċett fundamentali ta' interess tal-parti li toqgħod f'ġudizzju;*
>
> *Illi, kif ingħad, il-Qrati tagħna stabbilew regoli li dwarhom is-sejħa fil-kawża jmissha tiġi meqjusa, u, b'mod partikolari, f'liema ċirkostanzi għandha tintlaqa' talba għal tali sejħa, u, b'mod iżjed siewi, meta m'għandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa' talba bħal din;*

*Illi l-Qorti għandha tordna s-sejħa fil-kawża jekk il-persuna li tagħha tintalab din is-sejħa jkollha dak l-interess li huwa meħtieġ mil-liġi f'persuna biex minnu tista' tiġi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzjoni;*

*Illi, madankollu, is-sejħa fil-kawża m'għandhiex tintuża biex jidħlu fil-kawża persuni li, għalkemm għandhom l-interess meħtieġ, jiddaħħlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imħarrkin.*

*Illi għalkemm normalment is-sejħa fil-kawża ssir mill-parti imħarrka, kif jidher mill-artikolu tal-liġi fuq imsemmi, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetaħ il-kawża. Għal xi żmien kien jingħad li ma għandhiex tiġi milqugħa talba għas-sejħa fil-kawża min-naħa tal-attur meta dan seta' jew suppost li kien jaf bl-eżistenza jew l-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu ħarrek sa mill-bidu. Iżda llum jidher li t-tifsira vera ta' dan il-punt tħares iżjed lejn il-kwistjoni tal-interess [ġuridiku tal-imsejjaħ] milli lejn l-għarfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawża) dwar kull min seta' kellu interess u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejħa fil-kawża ma tintużax biex jiddaħħal fil-kawża mħarrek ieħor flimkien mal-imħarrek oriġinali li ma messu tħarrek qatt".*

Tqis illi r-regoli li kienu stabbiliti mill-Qrati tagħna matul is-snin dwar f'liema ċirkostanzi għandha tintlaqa' talba għal sejħa fil-kawża, huma li (i) il-Qorti għandha tordna s-sejħa fil-kawża jekk il-persuna li tagħha tintalab din is-sejħa jkollha dak l-interess li huwa meħtieġ mil-liġi f'persuna biex minnu tista' tiġi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzjoni; u li (ii) is-sejħa fil-kawża m'għandhiex tintuża biex jidħlu fil-kawża persuni li, għalkemm għandhom l-interess meħtieġ, jiddaħħlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt ġew imħarrkin.

L-istitut tas-sejħa fil-kawża ta' terza persuna waqt li l-kawża tkun miexja bejn partijiet oħrajn kif ikkontemplat fl-Artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie interpretat mill-qrati tagħna b'mod aktar wiegħsa fuq kunsiderazzjonijiet ta' ekonomija ta' ġudizzju u utilitajiet proċedurali oħra.[1]

[1] Ara fost l-oħrajn App. Ċiv. Inf. **Stepton vs. Spiteri**, 23 ta' Novembru, 1988, Vol. XVI, p. 117; **Cassar Desain utrinque**, 25 ta' Ġunju, 1945, Vol. XXXII, p. 272; **Barbara vs. Mallia,** 22 ta' Ottubru, 1956, Vol. XL, p. 264.

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza **Markeżino Anthony Cremona Barbaro LL.D. vs. Dr. Albert Cilia Vincenti M.D. et**[2]**,** l-istitut tal-kjamat in kawża:

> *"jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali prinċipalment (a) dik li jintegra ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi uħud minnhom jitħallew barra; u (b) dik li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra, bħala konsegwenza tagħha".*

F'kuntest kemmxejn differenti għalkemm sa ċertu punt relatat, fejn sub-appaltatur ġie msejjaħ fil-kawża għad li ma kellu ebda rbit kuntrattwali direttament mal-atturi imma mal-konvenut, fis-sentenza fl-ismijiet **Aġent Accountant General et vs. George Xuereb noe**[3], ġie hekk ritenut:-

> "*Il-kjamata in kawża għandha fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament mal-atturi iżda mal-konvenut in kwantu dan tal-aħħar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu jrid jirrispondi. Il-preżenza tas-sub-appaltatur għalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibbilità ta' kump-likazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-eżekuzzjoni tax-xogħol – kemm għaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li eżegwixxa x-xogħol, u kemm għaliex dan tal-aħħar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avvanzax difiża valida u effiċjenti fil-konfront tal-atturi - b'hekk ġie bata huwa*".

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, din il-Qorti tqis li jkun xieraq għal kunsiderazzjonijiet ta' ekonomija ta' ġudizzju u utilitajiet proċedurali illi tiġi msejjħa f'din il-kawża s-soċjetà Elmein Limited (C17341).

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

---

[2] Mogħtija mill-Imħallef Geoffry Valenzia fl-14 ta' Lulju, 1997.
[3] Appell Kummercjali, 15 ta' Marzu, 1991.

**(1) Tilqa' it-talba tas-soċjetajiet konvenuti kif dedotta fit-tielet eċċezzjoni tar-Risposta Maħlufa tagħhom u tordna s-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Elmein Limited (C17341), bl-ispejjeż għas-soċjetajiet konvenuti;**

**(2) Tordna li l-atti tal-kawża għandhom jirriflettu din il-bidla;**

**(3) Is-soċjetà msejħa fil-kawża Elmein Limited (C17341) għandha għoxrin (20) jum mil-lum biex tippreżenta r-risposta maħlufa tagħha.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------